Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15204/26

ENFOPOL 415
JAI 1367

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Europol

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' …

dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Europol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu,

Waqt li jaġixxi bħala l-awtorità li ngħatat is-setgħa li taħtar id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tas-26 ta' Ġunju 2026,

[1] ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj.

Billi:

(1) Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv tal-Europol intemm fl-1 ta' Mejju 2026. Għaldaqstant, jeħtieġ li jinħatar Direttur Eżekuttiv ġdid tal-Europol.

(2) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tal-10 ta’ Diċembru 2025tistabbilixxi r-regoli għall-għażla, l-estensjoni tal-mandat u t-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol.

(3) Il-kariga ta’ Direttur Eżekuttiv tal-Europol ġiet meqjusa battala mill-1 ta' Awwissu 2025, disa' xhur qabel tmiem il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv tal-Europol, skont l-Artikolu 3(1), il-punt (a) tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tal-10 ta’ Diċembru 2025. Avviż ta' pożizzjoni vakanti għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Europol ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-17 ta' Frar 2026[2].

(4) F'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, tħejjiet lista preliminari ta' kandidati minn kumitat tal-għażla stabbilit mill-Bord ta' Amministrazzjoni (il-"Kumitat tal-Għażla"). Il-Kumitat tal-Għażla ħejja rapport debitament motivat u ppreżentah lill-Bord ta' Amministrazzjoni fil-15 ta' Ġunju 2026.

[2] ĠU C, C/2026/862, 17.2.2026.

(5) Abbażi tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 u d-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-10 ta' Diċembru 2025, il-Bord ta' Amministrazzjoni ħareġ opinjoni motivata dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-Europol fis-26 ta' Ġunju 2026. Fiha ppropona lill-Kunsill lista preliminari ta' tliet kandidati adatti għall-kariga.

(6) Fl-23 ta' Settembru 2026, il-Kunsill għażel lis-Sur Jürgen EBNER bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-Europol. Fl-24 ta' Settembru 2026, il-Kunsill informa lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew (il-"Kumitat LIBE"), li huwa l-kumitat kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 54(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2016/794, dwar dik l-għażla.

(7) Fl-4 ta' Novembru 2026, is-Sur Jürgen EBNER deher quddiem il-Kumitat LIBE. Fid-19' ta' Novembru 2026, il-Kumitat LIBE ta l-opinjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 54(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2016/794,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Jürgen EBNER huwa b'dan maħtur bħala d-Direttur Eżekuttiv tal-Europol għall-perjodu mis-16 ta' Diċembru 2026 sal-15 ta' Diċembru 2030 fil-grad AD 15.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill
Il-President